MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 207/2008

**Nicholas Baldacchino (karta ta’ l-identita` numru 811240 (M))**

**vs**
**Bureau Veritas (Malta)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 ta’ Frar, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1 Illi r-rikorrenti kien ingaggat mis-socjeta` *Bureau Veritas* rapprezentata f’Malta mis-socjeta` intimata f’Jannar, 1977, bhala *ship surveyor* sakemm irtira fil-31 ta’ Dicembru, 2005 meta kien jokkupa l-kariga ta’ *Chief Executive*;

1.2 Illi wahda mill-kondizzjonijiet tal-ingagg kienet li meta r-rikorrenti jirtira mix-xoghol il-pensjoni tieghu kellha tkun sittin fil-mija, (60%), tal-ahhar salarju minnu percepit fid-data tal-irtirar, (ara fol 6);

1.3 Illi in sostenn tal-ftehim hekk pattwit il-partijiet ftiehmu li ghal dan il-ghan ir-rikorrenti kellu jithallas *premium* annwali f'fond ghall-pensjoni mas-socjeta` assikuratrici *Euravie Company Limited* ekwivalenti ghal sittax fil-mija, (16%), tas-salarju percepit mir-rikorrenti;

1.4 Illi l-imsemmi *premium* kellu jithallas fl-ammont ta' ghaxra fil-mija, (10%), mis-socjeta` intimata u sitta fil-mija (6%), mir-rikorrenti li kien jinqata' direttament mis-salarju tal-istess rikorrenti;

1.5 Illi fil-perjodu bejn 1977 u 1993 is-socjeta` intimata kienet thallas dan is-sehem taghha fuq indikat b'mod regolari;

1.6 Illi pero` il-*premium* imhallas mill-istess socjeta` intimata bejn l-1993 u l-1 ta' Dicembru, 2005, jirrizulta li kien anqas mill-ammont minnha dovut;

1.7 Illi rizultat ta' dan, ir-rikorrenti qed jircievi pensjoni anqas minn dak pattwit u minflok li qed jircievi sittin fil-mija, (60%), tal-ahhar salarju tieghu, qieghed jircievi tnejn u erbghin punt tnejn fil-mija, (42.2%), tal-istess senjatament erbatax –il elf, seba' mija u hamsa u erbghin Ewro, (€14,745.00), fis-sena mill-2005;

1.8 Illi ghalkemm interpellata biex tirregolarizza s-sitwazzjoni, is-socjeta` intimate baqghet inadempjenti;

1.9 Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien kostrett jaderixxi din il-qorti sabiex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.9.1. Tiddikjara li r-rikorrenti hu intitolat jircievi pensjoni ekwivalenti ghal sittin fil-mija, (60%), tal-ahhar salarju tieghu minn meta irtira kif fuq

indikat, u cioe` pensjoni ta' disgha u erbghin elf, seba' mija u sebgha u sittin Ewro, (€49,767.00), fis-sena;

1.9.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti l-arretrati dovuti mill-1 ta' Dicembru, 2005 bl-imghax dovut sad-data tal-effettiv pagament;

1.9.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` ntimata;

2.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` ntimata datata s-27 ta' Marzu, 2008, li permezz taghha sintetikament wiegbet is-segwenti:

2.1. Illi mhux minnu li wahda mill-kondizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet kienet li meta r-rikorrenti jirtira kellu jinghata pensjoni ta' sittin fil-mija, (60%), ta' l-ahhar salarju tieghu;

2.2. Illi fil-ftehim pattwit bejn il-partijiet gie dikjarat mis-socjeta` intimata li ma setghetx taghti informazzjoni dettaljata dwar il-pensjoni u talbet lir-rikorrenti jintavola l-proposti tieghu fir-rigward, (ara fol 4);

2.3. Illi r-rikorrenti kien ukoll mitlub ifittex socjeta` assikuratrici li toffrilu pensjoni ta' madwar sittin fil-mija, (60%), tal-ahhar salarju tieghu fid-data tal-irtirar;

2.4. Illi s-socjeta` intimata fl-ebda hin ma iggarantiet li r-rikorrenti kien ser jircievi dan l-ammont f'pensjoni;

2.5. Illi s-socjeta` intimata la ppartecipat u lanqas ma kellha x'taqsam mal-pjan pensjonistiku tar-rikorrenti li kien maghzul esklussivament minnu;

2.6. Illi l-uniku obbligu assunt mis-socjeta` intimata kien li tikkontribwixxi ghaxar parti minn sittax, (10/16), tal-kontribuzzjoni annwali tal-fond pensjonistiku tar-rikorrenti ekwivalenti ghal sittax fil-mija, (16%), tas-salarju annwali tar-rikorrenti;

2.7. Illi s-socjeta` intimata ma naqset xejn mill-obbligi taghha fil-konfront tar-rikorrenti;

2.8. Illi kieku r-rikorrenti ried pensjoni ahjar seta' awmenta l-kontribuzzjonijiet tieghu;

2.9. Illi s-socjeta` intimata qatt ma iffirmat kuntratt ta' pensjoni fil-konfront tar-rikorrenti ma xi socjeta` appozita;

2.10. Illi kien biss ir-rikorrenti li ghazel u ikkonkluda pjan pensjonistiku ma' socjeta` assikuratrici privata;

2.11. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti;

2.12. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-22 t'April, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara fol 20);

4. Rat id-digriet taghha datat is-6 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu ordnat lill-assistent gudizzjarju tirritorna l-inkartament fl-atti ta' din il-procedura, (ara fol 168);

5. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu fuq talba tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 180);

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti u x-xhieda mismugha mill-abbli assistent gudizzjarju fuq riferita;

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati l-24 ta' Mejju, u l-24 ta' Gunju, 2013, (ara fol 183 u 193);

9. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi tenut kont tal-pozizzjonijiet kontraposti tal-kontendenti, il-vertenza odjerna ghandha ssib ir-rizoluzzjoni taghha fid-dokument immarkat Dok. NB 2 datat it-8 ta' Dicembru, 1976, li kuntarjament ghal dak sostenut mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur tieghu dan ma jammontax ghal kuntratt izda jikkostitwixxi biss nota tad-Dipartiment koncernat tas-socjeta` *madre* tas-socjeta` intimata u hi biss "*proposition*" – propostaipprezentata minnha lir-rikorrenti u mhux kuntratt konsolidat kif qisu jsostni r-rikorrenti;

11. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li f'dak l-istadju tal-ittra tat-8 ta' Dicembru, 1976, indikata fil-paragrafu precedenti, il-kontendenti kienu ghadhom fi stat ta' trattattivi fejn kienu qed jaqsmu proposti bejniethom fl-istadju precedenti ghal ftehim, li f'dawn ic-cirkostanzi kif fuq esposti, ma jirrizultax li effettivament kien konkluzivament maqbul bejn il-partijiet;

12. Illi l-uniku obbligu konstatat fir-rigward tas-socjeta` intimata jirrizulta li kien li din qablet li tobbliga ruhha li thallas ghaxar partijiet minn sittax, (10/16), tal-kontirubuzzjoni annwali fl-iskema pensjonistika tar-rikorrenti ekwivalenti ghal sittax fil-mija, (16%), tas-salarju tal-istess rikorrenti, liema obbligu jirrizulta debitament onorat;

13. Illi mill-bqija jirrizulta li l-partijiet kienu ghadhom fi trattattivi li qatt ma gew kristallizzati fi ftehim kontrattwali kif allegat mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

14. Illi *di piu`*, fl-ittra datata s-27 ta' Jannar, 1977, is-socjeta` intimata kitbet is-segwenti lill-intimat:

“As concerns the … Pension Scheme … we canot give you any detailed information. After your arrival in Malta it will be up to you, to make your proposals to us and then, we will see to it that you get advantages similar to those of our English Surveyor”, (ara fol 4);

15. Illi ghalhekk ghandu jkun abbundantement assodat li fir-rigward tal-pensjoni tal-intimat, il-partijiet kienu ghadhom fi stat ta’ negozjar li allura kien ghad irid jintlahaq ftehim kristallizzat fuqu;

16. Illi konsegwentement is-socjeta` *madre* tas-socjeta` intimata issuggeriet lill-intimat biex jiehu r-responsabbilita` isib socjeta` assikuratrici li tkun tista’ toffrilu pensjoni ekwivalenti ghal sittin fil-mija, (60%), tal-ahhar salarju tieghu;

17. Illi ghandu jkun ovvju li dan kien biss suggeriment jew indikazzjoni li fuqha kellu jahdem ir-rikorrenti u mhux kuntratt bejn il-kontendenti li jista’ jigi enforzat tramite l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

18. Illi fir-relazzjoni taghha mar-rikorrenti, s-socjeta` intimata dejjem hallset is-sittax fil-mija (16%), tas-salarju tar-rikorrenti u dan, mhux kontestat mir-rikorrenti;

19. Illi dan jirrizulta wkoll minn nota ta’ pagamenti effettwati mis-socjeta` intimata lis-socjeta` assikuratrici, (ara fol 121), u fejn irrizulta li kien hemm xi diskrepanza, din kienet immedjatament rimedjata, (ara fol 110);

Ikkunsidrat:

20.0.Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

20.1. Filwaqt li takkolji t-twegibiet kollha tas-socjeta` intimata;

20.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

20.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Nicholas Baldacchino.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------